# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 83/10/2 JZM**

**Melita Manufacturing Company Limited (C-6593)**

**v.**

**C. & F. Building Contractors Limited (C-15308)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur tas-socjeta` Melita Manufacturing Company Limited, ipprezentat minnha fid-29 ta` Jannar, 2010, li fih jinghad hekk:

> "Illi s-socjeta` esponenti attrici harget numru ta` fatturi lis-socjeta` mittenti rapprezentanti materjal mibjugh u fornut lilha flimkien ma` xoghol esegwit fuq ordni u struzzjonijiet tal-istess socjeta` intimata wara ghoti ta` sub-appalt lill-istess socjeta` esponenti attrici kwantu fornitura ta` materjal u xoghol fl-istabbiliment tal-produtturi tax-xarba Coca Cola.

Illi wara li gew pacuti u ghalhekk imnaqqsa xi ammonti dovuti mis-socjeta` rikorrenti attrici lis-socjeta` intimata skont arrangamenti milhuqa u miftehma kwantu xoghol ta` skavar esegwit mis-socjeta` intimata ghall-beneficcju tas-socjeta` rikorrenti attrici, baqa` ammont bilancjali dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti attrici ta` hmistax-il elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Euro, erba` u erbghin Euro centezmi (€15,228.44).

Illi s-socjeta` intimata qieghda tippretendi li ma thallasx dan l-ammont bilancjali u ghalhekk irrifjutat li taghmel il-hlas dovut u ghadha qieghda tirrifjuta li thallas.

Illi nonostante li giet interpellata bil-miktub sabiex taghmel il-hlas tal-imsemmi ammont bilancjali s-socjeta` intimata baqghet ma ghamlitx il-hlas bil- konsegwenza li s-socjeta` rikorrenti attrici m`ghandhiex ghazla ohra ghajr li tressaq dan ir-rikors quddiem dina l-Onorabbli sabiex tottjeni kundanna ghall-hlas tal-ammont bilancjali dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

(1) tikkundanna lis-socjeta` intimata konvenuta thallas is-somma ta` hmistax-il elf mitejn u tmienja u ghoxrin Euro, erba` u erbghin Euro centezmi (€15,228.44) ammont bilancjali dovut lis-socjeta` rikorrenti attrici kwantu materjal u xoghol fornut u esegwit fuq ordni u struzzjonijiet tas-socjeta` wara ghoti ta` sub-appalt lill-istess socjeta` esponenti attrici kwantu fornitura ta` materjal u xoghol fl-istabbiliment tal-produtturi tax-xarba Coca Cola u eventwalment debitament fatturat lis-socjeta` intimata izda li gie ridott segwitu ghal tpacija akkordata u maqbula ta` import ta` valur ta` xoghol konsistenti f`xoghol ta` skavar ghal liema import ta` valur ta` xoghol is-socjeta` rikorrenti assumiet responsabilita` ghall-hlas u lehqet ftehim mas-socjeta` intimata li tali import ta` valur ta` xoghol kellu jigi pacut u allura mnaqqas mill-fatturi mahruga mis-socjeta` rikorrenti attrici lis-socjeta` intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata konvenuta li minn issa tibqa` ngunta ghas-subizzjoni taghhom”.

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta C & F Building Contractors Limited ipprezentata minnha fit-2 ta` Marzu, 2010, li permezz taghha gie eccepit:

“1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti stante illi

kontrarjament ghal dak li qed tallega s-socjeta` rikorrenti mhux minnu illi "xi ammonti" biss gew pacuti bejn il-kontendenti izda l-ammont intier u ghalhekk is-socjeta` eccipjenti m`ghad fadlilha thallas xejn lil dik rikorrenti billi kollox gie pacut.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri".

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Lulju, 2016, li permezz taghha l-kawza fl-ismijiet premessi giet deciza fis-sens illi:

"Tichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Tilqa` parzjalment it-talba tas-socjeta` attrici billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` ghaxart elef hames mija sbatax–il Ewro sitta u hamsin centezmu (€10,517.56) bhala l-ammont bilancjali dovut ghall-materjal fornut u xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici b`inkariku tas-socjeta` konvenuta kif fuq inghad, bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal terz mis-socjeta` attrici u in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta` konvenuta".

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"II. Provi

1) Xhieda u dokumenti

Rodianne Bonnici, accounts clerk mas-socjeta` konvenuta, xehdet aktar minn darba fil-kors tal-kawza.

Xehdet illi s-socjeta` konvenuta kienet giet inkarikata mill-kumpannija De Giorgio u minn General Soft Drinks sabiex taghmel finishings u xi xoghol ta` bini. Ix-xoghol li s-socjeta` konvenuta ghaddiet lis-socjeta` attrici biex tahdem kien xoghol ta` azzar (steel). Hija spjegat li dwar l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici kollox inkluz kien hemm ukoll barter agreement fejn is-socjeta` konvenuta kienet ghamlet xoghol ta` skavar ghas-socjeta` attrici go B`Bugia. Dan ix-xoghol ta` skavar kien jiswa €28,443.14c.

Ipprezentat zewg statements li baghtet is-socjeta` attrici ghax-xoghol ta` De Giorgio u ghax-xoghol ta` General Soft Drinks. Fil-kaz ta` De Giorgio kien hemm ammont ta` €11,158.82c (Dok KX1) waqt li fil-kaz ta` General Soft Drinks, kien hemm somma ta` €38,917.43c (Dok KX2).

Ipprezentat ukoll fattura tas-socjeta` konvenuta dwar ix-xoghol ta` skavar (Dok KX3). Tghid illi l-ahhar pagna ta` Dok KX3 tirrapprezenta l-ammont miftiehem ghax-xogholijiet. Ir-rata tax-xoghol kienet ta` €16.31 li mbaghad saret €15.14 wara ftehim bejn iz-zewg partijiet. Dan id-dokument kien ffirmat miz-zewg partijiet. Ghas-socjeta` konvenuta, iffirma wiehed mid-diretturi Edward Schembri.

Kompliet tixhed li skont dawn id-dokumenti, jirrizulta li hemm bilanc favur is-socjeta` attrici ta` €12,600.37c. Madanakollu, is-socjeta` konvenuta qed tikkontesta dan l-ammont peress li kien hemm diskrepanza bejn il-kejl li sar min-naha tas-socjeta` attrici u l-kejl li sar minn surveyors li kienu nkarikat minn De Giorgio u General Soft Drinks.

Ipprezentat prospett (Dok K4) li jindika bil-kitba taghha d-diskrepanzi li hemm bejn il-kont li baghtet is-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta u l-ammont li s-socjeta` konvenuta thallset minn min tahom il-kuntratt. Minn minn dan id-dokument, jirrizulta illi in kontestazzjoni ghar-rigward tal-kuntratt ta` De Giorgio hemm €1,550.46c.

Ipprezentat ukoll Dok K5 li jindika d-diskrepanza li hemm ghar-rigward tax-xogholijiet li saru lil General Soft Drinks. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta giet fatturata darbtejn u ghalhekk l-ammont li jidher ghandu jitqies darba biss. Hemm ukoll xogholijiet ohra li ma kinux kontrattati bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` attrici u ghalhekk is-socjeta` konvenuta qatt ma thallset taghhom minghand min kien inkarikaha taghmel ix-xogholijiet. Ghar-rigward dan il-kuntratt, is-socjeta` konvenuta ma ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici u li s-socjeta` konvenuta hallset kollox.

Kompliet tghid li ghar-rigward tax-xogholijiet ta` De Giorgio, kien qed jiehu hsieb il-Perit Karl Grech mentri ghar-rigward tax-xoghol ta` General Soft Drinks, kien qed jiehu hsieb Johann Farrugia min-naha tas-socjeta` konvenuta.

Xehdet illi l-barter agreement kien bejn Schembri Infrastructures u Caprice Limited.

Tghid illi hija rceviet is-surveyor`s report li jirrigwarda l-art li giet skavata. Is-socjeta` konvenuta kienet ghamlet xoghol ta` skavar ghal Caprice Limited. Is-socjeta` attrici kienet ghamlet ftehim ma` Caprice Limited b` mod illi s-socjeta` konvenuta kienet ser taghmel xoghol ghal Caprice Limited u x-xoghol li taghmel is-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta jigi pacut max-xoghol li jkun sar lil Caprice Limited. Il-ftehim kien iffirmat minn Edward Schembri direttur ta` Schembri Infrastructures u Raymond Ciantar.

Qalet illi x-xoghol tal-bartering kien jikkonsisti minn xoghol ta` skavar li sar lil Caprice Limited mentri s-socjeta` attrici kienet is-subcontractor. Insistiet illi l-punti kontestati kienu jinkludu double invoicing.

Tghid illi s-socjeta` konvenuta hadet konjizzjoni tar-rapport tas-surveyor fil-kors ta` din il-kawza. Skont dan ir-rapport, hemm dikjarat li ma sarx skavar fond ta` erba` metri. Tghid illi ghal dan ix-xoghol, is-socjeta` konvenuta kienet baghtet claim for payment bil-kont taghha. Skont Edward Schembri, il-ftehim kien li jithaffer fond ta` erba` metri, izda t-thaffir kien jikkomprendi hamrija u xi blat. Is-surveyor kejjel mill-hajt `l isfel u allura mhux bhal ma kejjel Edward Schembri.

Ix-xhud ittrattat il-konteggi.

Tghid illi l-ammont li ntalab fil-bidu kien ta` €15,228.44c. Kien hemm kontestazzjoni dwar ammont relatat mat-tpartit. Spjegat li wara li mar fuq is-sit il-Perit Alan Saliba, l-ammont tal-bidu nizel ghal €13,918.02c. Minnaha taghha s-socjeta` konvenuta mhijiex tghid li dan l-ammont ta` € 13,918.02c huwa dovut kollu lill-kumpannija attrici. Kompliet tispjega li bhala konsegwenza ta` verifiki li saru, irrizulta li s-socjeta` attrici addebitat lis-socjeta` konvenuta *charge* zejda ta` €130.63 flimkien ma` *double invoice* ta` €3,915.98c. Dawn l-ammonti ukoll iridu jitnaqqsu mill-ammont li ntalab fir-rikors guramentat. L-ammont tal-bidu mitlub kellu jinzel ghal €9,887.86c. Din il-figura tinkludi pretensjoni tal-kumpannija attrici ghall-hlas ta` €7,425.25c li s-socjeta` konvenuta ssostni li mhix dovuta ghaliex ix-xoghol kopert b`dik il-figura qatt ma kien ordnat u kif ukoll ghaliex il-firma li tidher bhala l-persuna li suppost accettat ix-xoghol mhijiex il-firma ta` persuna impjegata mal-kumpannija konvenuta.

Ipprezenta kopja ta` emails li kienu skambjati bejn il-partijiet jew rapprezentanti taghhom.

Tikkonkludi billi tghid illi l-ammont li ghadu dovut mill-kumpannija konvenuta lill-kumpanija attrici huwa €2,462.61. Din hija d-differenza bejn €9,887.86 u €7,425.25.

Ipprezentat bhala Dok RB11 l-invoice kontestata mis-socjeta` konvenuta peress li l-firma li tidher fuq in-naha tal-lemin hdejn il-kliem “Mr Schembri for C & F” ma hija ta` hadd konness mas-socjeta` konvenuta. Ipprecizat illi l-persuna li kienet awtorizzata tiffirma kienet Itiana Abela gia` Schembri, li tigi t-tifla ta` Frank Schembri, u li hija direttur tal-kumpannija konvenuta.

<u>Johann Farrugia</u> xehed illi huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta. Ighid illi biex inhareg il-final valuation certificate esebit bhala MMCL1 kienet saret laqgha bejnu, Manuel u Brian Galea u Manuel Lautier fejn saret verifika ta` l-kwantitajiet. Dwar il-valuri li hemm indikati fl-istess dokument, fisser illi huma kienu vverifikaw biss l-ammonti.

Wara kien hemm follow up ma` l-accounts department. Jaf li kellha ssir rikonciljazzjoni ta` l-ammonti ma` dak li kien miftiehem ma` Itiana Abela li kellu jsir.

Fil-kontroezami, spjega illi peress li l-progett kien mghaggel, kien hemm il-project manager Brian Galea tal-General Soft Drinks li f`diversi kazi, min-naha ta` finishes kien qed jidhol direttament mas-subcontractor. Ighid illi suppost kollox kellu jigi ordnat tramite s-socjeta` konvenuta. Il-project manager ta` General Soft Drinks ma setax jaghmel l-ordnijiet hu direttament. Is-sub contractor ma setax jiehu ordnijiet minghand il-klijent imma kollox kellu jghaddi tramite l-perit tas-socjeta` konvenuta. Din riedet tkun taf b`ordnijiet bhal dawk sabiex tkun tista` ssir verifika tal-korrettezza tal-kejl u sabiex ikunu jistghu jingabru quotations.

Brian Galea xehed li huwa jahdem bhala technical manager mal-kumpannija General Soft Drinks Company Limited. Spjega li General Soft Drinks kellha progett ta` finishes ma` s-socjeta` konvenuta dwar il-fabbrika l-gdida tal-Marsa. Kellu jsir xoghol ta` twahhil ta` madum, zebgha, kisi, hgieg, twieqi u bibien. Il-kuntratt sar mas-socjeta` konvenuta. Imbaghad din tat subappalti fosthom lis-socjeta` attrici.

Dwar Dok MMCL1 stqarr illi huwa kien ivverifika x-xoghol indikat fid-dokument u ffirma d-dokument peress li General Soft Drinks kienet kuntenta bix-xoghol. Ix-xogholijiet kienu parti mit-tender li kienet allokat lis-socjeta` konvenuta. Ikkonferma li s-socjeta` konvenuta thallset ta` kollox.

Fil-kontroezami, ikkonferma li kien hemm xi items bhal xi bibien li huwa ghan-nom ta` General Soft Drinks ghamel ordni separata ghalihom lis-socjeta` attrici. Ghalkemm fil-bidu xehed li ma jafx min kien thallas ghal dawn il-bibien, meta rega` ddepona wara li ghamel verifiki sab illi ma rrizultax li General Soft Drinks ghamlet hlas favur is-socjeta` attrici. Lanqas ma rrizultaw kontijiet pendenti. Lanqas ma saret talba ghal hlas mis-socjeta` attrici lil General Soft Drinks. Fuq il-lant tax-xoghol dwar dawn il-bibien, General Soft Drinks kellha relazzjoni mas-socjeta` konvenuta.

Perit Karl Grech xehed illi huwa kien il-perit tas-socjeta` konvenuta fiz-zmien tal-kwistjoni mertu ta` din il-kawza. Muri Dok MMCL2, ikkonferma li kien iffirma dak id-dokument u juri l-kejl ta` xoghol li sar mis-socjeta` attrici fil-progett ta` Charles Degiorgio Ltd. Is-socjeta` attrici kienet involuta fil-progett ghaliex hadet subappalt minghand is-socjeta` konvenuta. Il-kejl kien trattat waqt laqgha li saret ma` Emanuel Lautier izda ppreciza li kien hemm xi ghaxar piedi xoghol li ma kienx gie ordnat mis-socjeta` konvenuta.

Ivan Laferla xehed illi huwa Chief Operations Officer tas-socjeta` Charles Degiorgio Ltd. Qal illi s-socjeta` konvenuta kienet inkarikata tibni go sit ta` kostruzzjoni fi Triq Kanonku Pirotta, Birkirkara. Is-socjeta` konvenuta hatret diversi subappaltaturi fosthom is-socjeta` attrici li

ghamlet xoghol ta` railings, stainless steel u xi balcony railings. Muri Dok MMCL2, huwa kkonferma li kien iffirma d-dokument. Juri kejl tax-xoghol li sar mill-Perit Karl Grech. Ix-xoghol indikat fid-dokument kien ordnat mis-socjeta` konvenuta u kien jaghmel parti mit-tender li kienet hadet is-socjeta` konvenuta. Charles Degiorgio Limited ma kellha l-ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjeta` attrici.

Emmanuel Lautier xehed illi ffirma ghas-socjeta` attrici l-kuntratt mas-socjeta` konvenuta li kienet rapprezentata minn Itiana Schembri. Il-kuntratt li sar fl-2007 kien jittratta l-ezekuzzjoni ta` xoghol ta` manifattura ta` puggamani tal-hadid u aperturi tal-hgieg ghall-fabbrika tal-General Soft Drinks fil-Marsa kif ukoll ghal puggamani ta` turgien u gallariji tal-hadid fil-mahzen tal-kumpannija Charles DeGiorgio limited go Birkirkara. Is-socjeta` attrici kienet inkarikata bix-xoghol wara ftehim iccertifikat mill-Perit Karl Grech u Johann Farrugia li dehru ghas-socjeta` konvenuta.

Kompla jghid illi s-socjeta` attrici kien ghad fadlilha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta l-ammont ta` €10,517.56c. Intalbet thallas izda baqghet ma hallsitx ghar-raguni li skont hi l-klijent taghha ma kienx ghadu hallas lilha u kif ukoll ghaliex ix-xoghol ma kienx ezegwit skont l-ispecifikazzjonijiet rikjesti mill-klijent.

Stqarr illi bil-permess ta` Johann Farrugia ghamel kuntatt mal-Perit Grech fejn ippropona li ssir laqgha fil-post fejn saru x-xogholijiet bil-ghan li jigi determinat ix-xoghol li sar u jigi stabbilit jekk hemmx xi haga li jinhtieg li tigi rimedjata. Il-laqgha fil-fatt saret u kienu prezenti Ivan Laferla (project manager ta` Charles De Giorgio Limited). Waqt il-laqgha tkejjel ix-xoghol u kien iccertifikat mill-Perit Grech innifsu. Kien iffirmat dokument li jiccertifika x-xogholijiet kollha (Dok EL3).

Kompla jixhed illi dakinhar stess tal-laqgha kien iffirmat certifikat finali tax-xogholijiet esegwiti mill-kumpannija attrici, liema certifikat kien ipprezentat waqt l-istess laqgha minnu fejn gew ikkonfermati kemm il-kwantitajiet kif ukoll il-prezzijiet miftehma bejn iz-zewg partijiet.

Ighid illi l-valur totali ta` l-progett kien inbidel u sar €42,735.06 inkluz il-VAT. Dan il-process kien diga` sar fit-28 ta` April 2008, fejn kienu ffirmati l-fatturi ufficjali wara li kien sar il-kejl fuq il-lant, pero` kien hemm dubju li seta` sar zball. Dan id-dubju ma baqax jissussisti wara li saru l-verifiki flimkien ma` Ivan Laferla.

Ghar-rigward tal-progett tal-General Soft Drinks, ighid illi huwa tkellem ma` Johann Farrugia. Saret laqgha mieghu u ma` Brian Galea ta` General Soft Drinks fit-28 ta` Marzu 2012. Saret il-verifika tax-xoghol u kien iccertifikat minn Farrugia u Galea. Kien iffirmat ukoll dokument li fejn accettat li x-xogholijiet kollha kienu saru u li kien f`kundizzjoni tajba (Dok EL 5). Il-valur totali ta` l-progett kif maqbul kien jammonta ghal €87,737.00 inkluz il-VAT. Sabiex jigi pacut parti mill-ammont dovut lis-socjeta` attrici, huwa kien irrakkomanda lis-socjeta` konvenuta mal-

kumpannija Caprice Limited, rapprezentata minn Raymond Ciantar, bl-iskop li s-socjeta` konvenuta tezegwixxi xi xoghol ta` tqattigh u thammil ta` blat ghal Caprice Limited fi plot li kienet Haz Zebbug. Ir-rati u l-prezzijiet maqbula bejn Caprice Ltd u s-socjeta` konvenuta jidhru fid-Dok EL 6. L-ammont relattiv ghal dawn ix-xogholijiet tnaqqas u ghalhekk kien hemm tpacija mill-ammont dovut lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta. Il-valur totali tat-tpartit kien ta` €27,147.80 inkluz il-VAT.

Stqarr illi wara diversi telefonati, emails u ittri, is-socjeta` konvenuta baqghet lura mill-hlas. Wara li baghtu ittra legali lis-socjeta konvenuta, din wiegbet b`ittra legali fis-sens illi l-ammont mitlub kien kollu pacut mal-valur tax-xoghol ta` tqattigh ta` blat u skavar.

Ipprezenta flow chart li turi l-fazijiet kollha ta` kull ma sar. Hemm spjegat kif wasal ghall-ammont bilancjali li s-socjeta` attrici qeghda titlob minghand is-socjeta` konvenuta. L-ammont totali tax-xogholjiet ezegwiti mis-socjeta` attrici b`inkariku tal-kumpannija konvenuta kien ta` €130,472.23c. Is-somma totali li thallset b`cheques mis-socjeta` konvenuta kienet ta` €92,806.87c. Il-valur tat-tpartit u li kellu jigi pacut kien ta` €27,147.80c. Ghalhekk il-bilanc favur is-socjeta` attrici kien ta` €10,517.56c.

2) <u>L-access kondott mill-Perit Alan Saliba</u>

Il-Perit Alan Saliba kien inhatar bhala perit tekniku sabiex jikkostata x-xoghol ta` skavar li ghamlet is-socjeta` konvenuta fis-sit ta` l-kumpannija Caprice Limited gewwa Haz-Zebbug.

Il-prezz ta` dawk ix-xogholijiet kellu jigi pacut mal-ammont li s-socjeta` konvenuta kellha taghti lis-socjeta` attrici.

Perit Saliba ghamel access. Il-verbal tal-access jaqra hekk :-

> "*Edward Schembri indika illi l-iskavar sar mis-socjeta` konvenuta go fond ta` erba` metri average mill-wicc tal-hamrija. Il-partijiet qed jaqblu illi ghat-tnehhija tal-hamrija tapplika l-istess rata ta` Lm 6.50 kull metru kubu eskluza il-VAT. Is-socjeta` attrici indikat illi mis-surveys li saru kemm qabel u wara l-iskavar mis-socjeta` konvenuta jirrizulta illi kien hemm 1446.73 metru kubu ta` skavar filwaqt illi s-socjeta` konvenuta qed titlob hlas ghal 1592 metru kubu (fol 32). Billi ghalhekk jirrizulta li hemm diskrepanza ta` 145.27 metru kubu u cioe` Lm 944.26 jew €2199.52 eskluza l-VAT, il-partijiet qed jaqblu illi dan l-ammont kontestat jigi maqsum bejn il-partijiet nofs bin-nofs sabiex jitransigu din il-kwistjoni dwar ix-xogholijiet ta` skavar f`Haz-Zebbug*".

3) <u>Ir-relazzjoni ta` Dr Anthony Abela Medici</u>

Dr Anthony Abela Medici kien inhatar bhala espert kaligrafu sabiex jezamina l-firma fuq dokument ezebit bhala Dok RB11.

Jirrizulta li l-espert kien talab l-original tad-dokument, izda dan ma kienx disponibbli ghaliex min-naha wahda s-socjeta` konvenuta qalet li ma kellhiex dak id-dokument mentri s-socjeta` attrici qalet illi xi darba dan id-dokument kien fil-pussess taghha, izda ghal xi raguni ma kienx disponibbli.

Kien rilevat illi waqt kuntatti li kien hemm bejn il-partijiet li kienu ntizi sabiex il-partijiet possibbilment jaslu ghal transazzjoni, l-original ta` d-dokument fil-pussess tas-socjeta` attrici.

Minkejja n-nuqqas ta` l-original ta` d-dokument, l-espert kalligrafu kompla bl-inkariku tieghu. Wara li nizzel il-kostatazzjonijiet tieghu fir-relazzjoni, Dr Abela Medici hareg b`dawn ir-risultanzi :-

*i. li l-awtenticita` tal-firma fuq id-dokument RB 11 ma hijiex ta` Itiana Abela nee` Schembri, direttur tal-kumpanija konvenuta izda ta` terza persuna ;*

*ii. li l-firma fuq id-dokument RB 11 kien attentat ta` ikkupjar talfirma ta` Itiana Abela nee` Schembri ;*

*iii. li n-nuqqas ta` produzzjoni tal-original tad-dokument RB11 mill-kumpanija attrici seta` kien deliberat halli l-esitazzjoni u divergenzi fl-original tad-dokument RB11 ma jigux identifikati.*

Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "Calleja vs Mifsud", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li :

> "*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti . Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova*".

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagha (dictum expertorum numquam transit in rem judicatam), fl-istess waqt dak ma jfissirx li "qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Ilkonvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."("Grima vs Mamo et noe" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998). Ghalhekk, "qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Cauchi vs Mercieca" –

Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u "Saliba vs Farrugia" – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

III. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti

Din il-kawza tirrigwarda sub-appalt li ghamlet is-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici fi zewg progetti li kienu delineati u spjegati fil-kors tal-procediment. Parti mill-prezz tal-prestazzjonijiet tas-socjeta` attrici kellu jigi pacut fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet li rrizultaw waqt il-gbir tal-provi. Madanakollu jidher li fadal bilanc x`jithallas li pero` dwar kien hemm kontestazzjoni shiha kompriz dwar kejl u ammonti. Tajjeb jinghad illi fil-premessi tar-rikors guramentat, is-socjeta` attrici tirreferi biss ghax-xoghol konness mal-progett tal-General Soft Drinks Company Limited. Madanakollu, mix-xiehda tar-rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti, irrizulta li l-vertenza ta` bejniethom ma kenitx limitata ghal dak il-progett izda ghal progett iehor tas-socjeta` Charles De Giorgio Ltd.

Il-punti ta` divergenza li beghdu lill-partijiet milli jaslu dwar il-pendenzi ta` bejniethom huma :-

a) Il-ftehim ta` tpacija

Irrizulta li parti mill-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta kien pacut ma` xoghol ta` skavar li sar.

Skont is-socjeta` konvenuta dan ix-xoghol kien jiswa €28,443.14c (Dok KX 3 a fol 30 et seq).

Jidher li nqala` dizgwid bejn il-kontendenti dwar minn fejn kellu jigi kkalkulat il-fond ta` l-iskavar li sar.

Il-ftehim kien li jsir skavar sa fond ta` erba` metri, izda skont is-socjeta` konvenuta, il-kejl kellu jibda mill-hamrija `l isfel, mentri l-parti l-ohra tinsisti li l-kejl kellu jsir mill-hajt `l isfel.

Dwar din il-kwistjoni, kien inkarikat jirrelata l-Perit Alan Saliba.

Waqt l-access li mexxa, irrizulta li l-perit tekniku rnexxielu jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dan il-punt partikolari bir-rizultat illi mill-ammont pretiz fil-bidu mis-socjeta` attrici, tnaqqset is-somma ta` €1,300. Din ir-riduzzjoni hija fil-fatt riflessa fil-kalkolu li pprezenta r-rapprezentant tas-socjeta` attrici mmarkat bhala Dok EL2 a fol 160 et seq.

Ghaldaqstant il-kwistjoni dwar l-ammont tat-tpacija llum huwa risolt u kwindi ghandu jkun it-tnaqqis skont dak rilevat fil-paragrafu ta` qabel.

b) Ammonti ohra kontestati mis-socjeta` konvenuta

i) <u>Disputed amount fil-kaz ta` Charles De Giorgio Limited</u>

Issemma amount in dispute ta` €1155.46c fil-kaz ta` Charles De Giorgio Limited (ara d-dokument esebit a fol 35).

Fix-xiehda taghha, Rodianne Bonnici tghid illi fid-dokument hemm bil-kitba taghha l-allegati diskrepanzi li skont is-socjeta` konvenuta kien hemm bejn il-kont li baghtet is-socjeta` attrici u l-ammont li s-socjeta` konvenuta thallset mill-klijent.

Minn ezami tad-dokument, jirrizulta miktub hekk :-
*Inv 1906 Bends on stell handrail 4 @ 4.72 = 18.88*
*Inv 1906/97 Single point fixing in 2 @ 9.38 = 18.76*
*Inv . 2037 Iron Balcony Railing 6 @ 76.40 = 458.40*
*Lm 496.04*
*Disputed EUR 1155.46c*

Ghall-fini ta` prova, is-socjeta` konvenuta qaghdet fuq dawn in-notamenti.

Pero` ma ressqitx provi ohra aktar diretti biex tispjega ghalfejn kienet qeghda tikkontesta l-ammonti.

Fic-cirkostanzi, kien jinkombi lis-socjeta` konvenuta li ssostni l-kontestazzjoni taghha. Propju ghalhekk fil-bidu nett tal-kawza din il-Qorti diversament presjeduta ghamlet tajjeb illi invertiet il-provi ghal fuq is-socjeta` konvenuta tenut kont tan-natura tal-eccezzjonijiet taghha.

Eppure l-ebda provi ohra ma saru mis-socjeta` konvenuta in partikolari ghalfejn l-invoices indikati kienu qeghdin jigi disputati.

Issemma li l-Perit Karl Grech kien il-perit tal-kumpannija konvenut fir-rigward tax-xogholijiet li saru ghand Charles De Giorgio Limited. Meta xehed stqarr illi kien hemm xi ghaxar piedi xoghol li ma kienx ordnat mis-socjeta` konvenuta. Cio` nonostante Ivan Laferla ghal Charles De Giorgio Ltd fix-xiehda tieghu stqarr illi dak li kien ffirmat fid-Dok MMCL2 a fol 109 minnu, mill-Perit Grech u mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici kien il-kejl tax-xoghol li kien ordnat minghand s-socjeta` konvenuta bhala parti minn *tender.*

Din il-Qorti tghid illi Perit Karl Grech ma specifikax u lanqas fisser dawk l-ghaxar piedi xoghol x`kienu.

B`kuntrast man-nuqqas hekk ovvju tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici spjegat dak li kien qed jigi mitlub minnha fir-rigward ta` dawn ix-xogholijiet billi ezebiet Dok EL3 a fol 163 li kien diga` gie precedentement ezebit bhala Dok MMCL2 a fol 109, liema dokument fih il-kejl li sar tax-xoghol u li kien approvat kemm mill-perit tas-socjeta` konvenuta kif ukoll minn Charles De Giorgio Limited. Kien prezentat final valuation certificate a fol 164 li l-kontenut tieghu jaqbel mal-kejl li

hemm indikati fid-Dok EL3 u Dok MMCL2. Relatat ma` dan ix-xoghol, is-socjeta` attrici pprezentat Dok EL4 a fol 165 et seq. Il-kontenut ta` dan id-dokument jaqbel mad-dokumenti precedenti.

Ghal din il-Qorti, dan l-assjem ifisser illi bil-maqlub tas-socjeta` konvenuta li ma ppruvatx l-allegazzjoni taghha fir-rigward ta` l-ammont dovut in konnessjoni mas-socjeta` Charles De Giorgio Limited, is-socjeta` attrici ressqet evidenza ampja dwar l-ammonti relatati ma` x-xoghol ta` Charles De Giorgio Limited.

Ghalhekk hija l-fehma meqjusa tal-Qorti illi l-ammont ta` €1155.46c m`ghandux ikun kontestat anzi kien ippruvat kif trid il-ligi u ghalhekk ghandu jithallas mis-socjeta` konvenuta.

ii) <u>Disputed amount fil-kaz ta` General Soft Drinks Company Limited</u>

Fir-rigward ta` General Soft Drinks, is-socjeta` konvenuta pprezentat dokument a fol 34.

Ghal darb`ohra, saru notamenti fuq id-dokument bil-kitba ta` Rodianne Bonnici, li ma gewx korraborati bi provi ohra.

Infatti hemm imnizzel li l-ammont li kellu jitnaqqas mill-kont tas-socjeta` attrici kien ta` Lm 4924.80c peress li kellu jitnaqqas Lm 1681.06 b` referenza ghal tliet items fl-invoice 2176, Lm 1506.60c b`referenza ghall-invoice 2149 u rega` gie mnaqqas Lm 1681.06c. Saret imbaghad referenza ghas-somma ta` Lm 56.08 li waslu ghaliha b` kalkolu ta` Lm 7.20, Lm 10.19, Lm 8.24c u 0.45c ; liema ammont ta` Lm 56.08 gie mnizzel bhala “Diff”.

Il-Qorti tirrimarka illi dwar l-invoice 2149, ossija l-ammont ta` Lm 1506.60c, ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghalfejn dan l-ammont kien qed jigi kkontestat. Ghal darb`ohra, is-socjeta` konvenuta kemm allegat, minghajr ma ressqet l-ebda prova, mqar kopja ta` l-invoice.

Ghalhekk dan l-ammont mhuwiex ser jitnaqqas mill-ammont pretiz mis-socjeta` attrici.

Dwar l-invoice fatturata doppja, jidher li qeghda ssir riferenza ghall-invoices 2176 u 2165. Madanakollu, fil-kalkolu a fol 34, jidher li l-kontenut ta` z-zewg invoices, u mhux il-kontenut ta` invoice wahda, gie mnaqqas. Ghalhekk, dak li gie kkalkolat fid-dokument a fol 34 lanqas ma huwa korrett peress li semmai s-somma ta` Lm 1681.06c (ekwivalenti ghal €3,915.82c) kellha tigi mnaqqsa darba biss.

Ghal darb`ohra, ma tressqet l-ebda invoice sabiex din il-Qorti tkun tista` taccerta ruhha li dawn iz-zewg invoices jirrigwardaw l-istess xoghol u mhux xi xoghol separat u distint.

Madanakollu, meta imbaghad tigi evalwata x-xiehda ta` Emanuel Lautier u partikolarment il-kalkoli a fol 161 tal-process, jidher li dan l-izball apparenti kien rimedjat peress li fil-kalkoli kienet ikkunsidrata biss l-invoice 2165 u l-uniku kalkolu li sar abbazi ta` l-invoice numru 2176 kien xoghol iehor u mhux l-istess xoghol elenkat fl-invoice 2165.

Fix-xhieda ta` Rodianne Bonnici, issemma ukoll li s-socjeta` konvenuta ntalbet thallas charge zejda ta` €130.63. Fuq l-iskorta tad-dokumenti esebiti bhala prova, din ic-charge zejda ma tirrizulta mkien. Ghalhekk qed tigi skartata.

iii) Xoghol iehor

Is-socjeta` konvenuta tallega li ghal General Soft Drinks is-socjeta` attrici ghamlet xoghol li ma kienx kontrattat mas-socjeta` konvenuta. Skont is-socjeta` konvenuta dan ifisser illi hija qatt ma thallset taghhom; tghid milli x-xoghol mhux kontrattat kien jiswa €7,425.25c.

Is-socjeta` konvenuta ssostni li l-progett tal-fabbrika l-gdida fil-Marsa kien mghaggel. Brian Galea ta` General Soft Drinks kien qed jittratta direttament mas-socjeta` attrici. Ghalhekk sar l-argument illi kollox kellu jigi ordnat tramite s-socjeta` konvenuta ghaliex il-*project manager* ta` General Soft Drinks ma setax jaghmel l-ordnijiet hu. Is-socjeta` konvenuta tinsisti li d-dokumentazzjoni relattiva ma` dan ix-xoghol partikolari (ossija Dok RB11) fiha l-firma falza ta` Itiana Abela gia` Schembri, direttur tas-socjeta` konvenuta, jew il-persuna li suppost accettat li jsir dan ix-xoghol. Ghalhekk talbet il-hatra ta` espert kalligrafu, talba li din il-Qorti akkordat. Il-konkluzjoni tal-espert kaligrafu kienet illi l-firma fid-Dok RB11 ma kinitx ta` Itiana Abela. Din il-Qorti tinsab urtata bil-fatt illi forsi sabiex hija ma ssibx tarf tal-kwistjoni tal-firma fid-Dok RB 11 a fol 95 is-socjeta` attrici qalet li ma kellhiex l-original ta` dak id-dokument, meta ftit tax-xhur biss qabel, l-original kien fil-pussess taghha. Hekk ivverbalizza l-avukat tas-socjeta` konvenuta ; u ma kienx kontradett. Imgieba ta` din ix-xorta mhijiex accettabbli u ghalhekk qeghda tigi rimproverata.

Id-Dok RB11 huwa intitolat : *variations over original contract as per site meeting*. Dan id-dokument ghandu jigi kkomparat ma` Dok MMCL1 ezebit a fol 108. L-items li huma ndikati f`Dok RB11 jidhru f`Dok MMCL1 u gew ghalhekk ivverifikati li saru fis-sit in kwistjoni. Dok MMCL1 huwa ffirmat minn Johann Farrugia, in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, minn Brian Galea, in rapprezentanza ta` General Soft Drinks, u minn Emanuel Lautier, in rapprezentanza tas-socjeta` attrici. Preciz qabel il-firem, hemm dikjarazzjoni *in bold*, liema dikjarazzjoni ssegwi t-total tal-valur tax-xogholijiet li jidher ammontanti ghal €87,737.00. Id-dikjarazzjoni tghid :-

> "*This final valuation certificate is to certify that mentioned works subcontracted by C & F Schembri to M.M.C.L were carried out at the new premises G.S.D in Marsa Ind. Estate, are to the client`s (C and F*

> *Schembri) and customer`s (G.S.D) satisfaction and hence there are no pending disputes upon the above mentioned works*".

Minn ezami ta` Dok MMCL1 a fol 108, jidher li l-items indikati f` Dok RB11 gew approvati mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, ossija Johann Farrugia, li kien il-persuna li kien qed jiehu hsieb ix-xogholijiet relatati ma` General Soft Drinks, kif ukoll huwa wiehed mid-diretturi ta` l-istess socjeta` konvenuta. Fix-xiehda tieghu, Johann Farrugia jallega li meta ffirma d-dokument ezebit bhala Dok MMCL1 huwa kien biss qed jivverifika li sar ix-xoghol u mhux ivverifika imnizzel fid-dokument. Sostna li kellu mbaghad isir follow up ma` l-accounts department fejn kellha ssir rikonciljazzjoni ta` l-ammonti ma` dak li kien miftiehem ma` Itiana Abela li kellu jsir.

Din il-Qorti mhijiex sejra toqghod fuq id-deposizzjoni ta` Johann Farrugia peress li jekk huwa minnu li l-ezercizzju li sar fir-rigward ta` Dok MMCL1 (fol 108) kien biss dak ta` semplici verifika, Johann Farrugia certament li ma kienx ikun komdu illi jiffirma (kif ghamel) dak id-dokument fejn hemm dikjarazzjoni tant cara li x-xogholijiet fuq certifikati gew subappaltati mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici u li kemm l-appaltatur u kif ukoll il-klijent kienu sodisfatti bix-xogholijiet u ma kien hemm l-ebda kwistjoni dwar l-istess xogholijiet. Li kieku l-verzjoni ta` Johann Farrugia kienet verosimili, din il-Qorti ma tarax kif dan seta` bhala direttur tas-socjeta` konvenuta jerfa` r-responsabbilita` li jiffirma tali dikjarazzjoni minghajr l-icken riserva. Jekk kif qed jinghad, il-kompitu ta` Johann Farrugia kien biss li jivverfika l-ammonti jew x`sar, ma messux ffirma dik id-dikjarazzjoni jew messu ffirma b`riserva. Dan aktar u aktar meta wiehed iqis li fil-kaz tax-xoghol l-iehor relatat ma` Charles de Giorgio Ltd, ma gietx iffirmat dikjarazzjoni cara bhalma hi Dok MMCL1 izda semplici skrittura bix-xoghol li sar minghajr ma ssemmew valuri (Dok MMCL2 fol 109).

Dan kollu ghandu jitqies ukoll fl-isfond tax-xiehda ta` Brian Galea. Dwar Dok MMCL1, Galea spjega li huwa kien ivverifika x-xoghol indikat fid-dokument u ffirma l-istess dokument peress li General Soft Drinks kienet kuntenta bix-xoghol. Galea stqarr illi ghax-xoghol kollu li hemm specifikat fid-dokument is-socjeta` konvenuta thallset u ghalhekk l-items indikati fid-Dok RB11 thallsu wkoll lis-socjeta` konvenuta.

Il-Qorti hadet ukoll tal-ftehim bejn il-kontendenti esebit bhala Dok EL1 a fol 136 et seq tal-process. Ghad illi fl-Appendix 2 li fih ix-xogholijiet li kellhom isiru mis-socjeta` attrici, jirrizulta mill-klawsola 13 ta` dan il-ftehim li kienu possibbli varjazzjonijiet fix-xoghol mitlub. Jinghad :

> "*The subcontractor shall carry out forthwith all Instructions, variations, whether by way of addition, modification, cessation (whether or not permanent or temporary) or omission of the Subcontract Works as may be either verbally or expressly instructed by the Contractor, the Employer or any of the Government and/or Statutory Authorities of Malta. The Subcontractor shall confirm in writing to the Contractor all*

> *verbal Instructions issued to the Subcontractor within forty-eight hours of the instruction being issued.*
>
> *Failing agreement between the Contractor and the Subcontractor, the value of such variation shall be such as is fair and reasonable in all the circumstances".*

Dan jinghad ukoll fid-dawl ta` rilevat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-6 ta` Mejju 2011 fil-kawza "Gambina vs Fithome Ltd" :-

> " *… mhux bil-fors ftehim kummercjali jrid ikun bil-miktub ad validitatem. (ara Artikolu 1233 Kap 16). Inoltre l-prova ta` l-ezistenza ta` ftehim simili tista` ssir b`mezzi ohra u l-prova ta` dan il-ftehim trid issir minn min jallega l-ezistenza tieghu. Il-prova tista` ssir b`xhieda jew mezzi ohra skond il-Kodici ta` Procedura. Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta` kredibilita`, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bazi ta` bilanc ta` probabilitajiet li huwa sufficjenti f`kawza civili*".

Ghaldaqstant din il-Qorti tghid illi ghalkemm il-firma fuq Dok RB 11 ma rrizultax li hija l-firma ta` Itiana Abela, in vista ta` tal-kontenut ta` Dok MMCL1, kif ukoll in vista tax-xiehda ta` Brian Galea, ma ssibx illi mill-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ghandu jitnaqqas l-ammont dovut skont Dok RB11, ossija l-ammont ta` LM 3,158.11c, ekwivalenti ghal €7,356.42.

c) <u>L-ammont dovut lis-socjeta` attrici</u>

Mill-konteggi tas-socjeta` attrici a fol 160 et seq, jirrizulta li l-kont tax-xogholijiet fit-total taghhom kienu €130,472.23c. Meta jitnaqqsu l-hlasijiet li diga` saru (Dok EL8 a fol 172 et seq), l-ammont li huwa accetat li ghandu jitnaqqas (ossija €1,300) u l-ammont pacut li jirrizulta wkoll mir-ricevuta a fol 182 (€25,847.20c), il-bilanc li jirrizulta dovut lis-socjeta` attrici huwa ta` €10,517.56c.

d) <u>L-imghax</u>

L-ammont mitlub fil-bidu mis-socjeta` attrici kien specifiku €15,228.44c mhux l-ammont li qed jigi likwidat ta` €10,517.56c.

Is-socjeta` attrici talbu il-hlas tal-imghax mid-data tal-fatturi sad-data ta` l-effettiv pagament.

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Jannar 2012 fil-kawza "<u>J & M Aluminium Ltd v. Alu. Care Mosta Limited</u>", din il-Qorti, minkejja li l-kumpannija attrici kienet qeghda tippretendi hlas wiehed li jkopri l-fatturi kollha mertu tat-talba tal-hlas, spjegat li :

> " *… kull fattura hija l-prova ta` l-bejgh individwali u distint ta` materjal. Ghalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imghax pretiz ghandu jitqies fil-kuntest ta` kull fattur individwali*".

Fil-kaz odjern, ghal dak li jirrigwarda x-xoghol ghal Charles De Giorgio Limited, il-fatturi relevanti kienu dawk nin-numru 2037, 1997 u 1906 mentri ghax-xoghol li sar ghal General Soft Drinks, kienu l-invoices numru 2175, 2149, 2109 u 2165. L-unici fatturi li kienu prezentati fil-kawza kienu dawk a fol 165 sa 167 ossija t-tlett fatturi relatati max-xoghol ta` Charles De Giorgio Limited fejn hemm imnizzel "*Strictly monthly settlement otherwise current market interest rate will be charged.*" L-invoices l-ohra ma gewx esebiti u lanqas ma tinstab referenza ghal meta nhargu jew id-data taghhom.

Mir-ricevuti tal-hlasijiet li saru, jidher li saru pagamenti fir-rigward ta` invoice 1906 (fol 172 u 173) ; invoice 1997 (fol 175) ; invoice 2037 (fol 177) invoice 2149 (fol 178) u invoice 2165 (fol 179). Kien hemm imbaghad rcevuti ta` pagamenti li saru u li fuqhom ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ghal liema fattura kien qed isir il-hlas.

In vista ta` din il-karenza ta` provi sabiex tkun tista` tistabilixxi d-dati ta` kull fattura, kif ukoll tenut kont li uhud mill-ircevuti ma jaghmlu l-ebda referenza ghal fatturi, il-Qorti ma tistax tilqa` t-talba ghall-hlas tal-imghax kif dedotta.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti ser ikollha tapplika l-principji li jirregolaw il-hlas tal-imghax fil-kaz li ssir talba specifika li mbaghad tkun ridotta mill-Qorti.

Tirreferi ghas-sentenza ta` din il-Qorti tat-28 ta` Jannar 2016 filkawza "Safe Trading Company Ltd v. France Bonavia" :

*Dwar il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza "Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher nomine et". Hemm inghad illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza fil-kaz li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.*

*Inghad hekk :-*

> *"L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi ta` diversi sentenzi fosthom "Noel Ellul vs James Gollcher" tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*
>
> *Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f`pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*
>
> *Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f`dawn id-dokumenti*

> *portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f`dawn il-proceduri hu ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici. Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*
>
> *Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellate".*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone" inghad illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal somma determinata, jibda jiddekorri l-imghax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :*

> *"Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O`Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999".*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza "Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe". Hemm inghad illi l- mghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru l-imghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :-*

> *" … kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli nteressi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucrie non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("O`Connor –vs- Bruno Olivier", Vol XVI pI p84)".*

*Il-Qorti ssib illi fil-kaz tal-lum l-interpellazzjoni ghall-hlas ta` l-ammont ta` €16,804 saret permezz ta` ittra ufficjali pprezentata fil-15 ta` Settembru 2011. Mhux kontestat li dan l-att gudizzjarju kien notifikat lill-*

> *konvenut.Wara li hadet kont tal-gurisprudenza citata, il-Qorti tirrileva illi billi l-ammont originarjament mitlub mis-socjeta` attrici qieghed ikun ridott bi ftit inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li, il-fehma ta` din il-Qorti, ma jikkwalifikax bhala ftit, u dan wara process ta` likwidazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax legali ghandu jiddekorri b`effett mil-lum*."
>
> Fil-kawza tal-lum, ir-riduzzjoni tammonta ghal kwazi terz mill-ammont reklamat fil-bidu. Ghalhekk ir-riduzzjoni ma tikkwalifikax bhala ftit. Inoltre s-socjeta` attrici kienet ilha li ghamlet il-kalkoli taghha u rriduciet l-ammont ghal dak li effettivament ser jigi ordnat li jithallas mis-socjeta` konvenuta. Minkejja dan, is-socjeta` attrici qatt ma pprezentat nota ta` riduzzjoni. Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti, filwaqt illi sejra tqis ir-riduzzjoni fl-ammont dovut lis-socjeta` attrici fil-kap tal-ispejjez, sejra takkorda l-hlas tal-imghax b`effett mil-lum".

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta C. & F. Building Contractors Limited, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-appell taghha u thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Lulju, 2016, fl-ismijiet premessi u minflok taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellanti u tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici, hekk kif dedotti fir-rikors promotur. Bl-ispejjez, kemm dawk ta' quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll dawk quddiem din il-Qorti, a karigu tal-istess socjeta` attrici, issa appellata.

6. Rat li minkejja li s-socjeta` attrici kienet notifikata bir-rikors tal-appell, ma ressqet l-ebda risposta.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi dan il-kaz jitratta talba ghall-hlas bilancjali ta' €15,228.44, rapprezentanti materjal u xoghol imwettaq mis-socjeta` attrici wara li nghatalha sub-appalt f'zewg stabbilimenti kummercjali. Wara li saru numru ta' pagamenti mill-ammont originali u wara li sehhet ukoll tpacija bi ftehim, filwaqt li s-socjeta` attrici baqghet tinsisti fuq il-hlas ta' dan il-bilanc, is-socjeta` konvenuta eccepiet li ma fadlilha thallas xejn peress li kollox gie pacut.

10. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, permezz tas-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju, 2016, filwaqt li laqghet it-talbiet attrici in parte u dan fl-ammont ta' €10,517.56, bl-imghax legali ta' 8% mid-data tas-sentenza, iddecidiet li l-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu in kwantu ghal terz mill-istess socjeta` attrici u in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta` konvenuta.

11. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha. L-appell taghha jissejjes fuq zewg aggravji:

(i) l-ewwel Qorti ma kinitx gustifikata li tiddetermina li s-socjeta` konvenuta kien ghad fadlilha bilanc ta’ €10,517.56 xi thallas lis-socjeta` attrici, stante li mill-provi prodotti jirrizulta li parti sostanzjali minn dan l-ammont ma kienx dovut, bil-konsegwenza li jekk is-socjeta` konvenuta ghad fadlilha xi bilanc xi thallas, dan il-bilanc huwa ferm inqas minn dak indikat mill-ewwel Qorti.

(ii) galadarba s-socjeta` appellanti kien ghad fadlilha bilanc zghir xi thallas lis-socjeta` appellata, allura ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex is-socjeta` appellanti kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza bl-ebda mod.

12. Illi ghandu jinghad mal-ewwel li, filwaqt li da parti tas-socjeta` attrici originarjament kienet qieghda tippretendi hlas ta’ bilanc ta’ €15,228.44, kif rizultanti mir-rikors promotur, fil-mori tal-proceduri, dan l-ammont gie rivedut (ghalkemm qatt ma saret nota ta’ riduzzjoni) ghal €10,517.56 (ara Dok. EL 2 a fol. 162 u Dok EL 7 a fol. 171 tal-process). Fl-ewwel aggravju taghha, is-socjeta` appellanti tilmenta illi mix-xhieda tal-*financial controller* taghha Rodianne Bonnici, irrizulta li ma kienx hemm bilanc dovut lis-socjeta` attrici appellata. Fil-verita` dan jigi ritrattat mill-istess xhud fix-xhieda taghha tat-3 ta’ Marzu, 2014 meta jinghad minnha li l-bilanc dovut mis-socjeta` appellanti huwa ta’ €2,462.61 (jigi osservat li fir-rikors tal-appell jinghad li l-ammont dovut huwa €2,531.06). Kwindi l-

kontestazzjoni bejn il-partijiet hija wahda ta' bilanc dovut favur is-socjeta` attrici.

13. Jigi osservat li l-ewwel divergenza tirrizulta minn korrispondenza mahruga mill-istess xhud datata l-1 ta' Marzu, 2014, (Dok. RB 10 a fol. 91) fejn tikkontendi li t-total tax-xoghlijiet imwettqa mis-socjeta` attrici ghandu jaqra €129,836.41 u mhux €133,866.57, kif pretiz mis-socjeta` attrici (kif jirrizulta minn korrispondenza mahruga mid-difensur tal-appellata a fol. 92). Izda fil-verita` minn ezami tal-*Final Valuation Certificates* taz-zewg progetti, (Dok. EL2 a fol. 160) mahruga mis-socjeta` attrici jirrizulta li x-xoghlijiet maghmula favur Charles de Giorgio Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha CDG) kienu tal-valur ta' €42,735, filwaqt li x-xoghlijiet fil-fabbrika tal-General Soft Drinks (minn hawn 'il quddiem GSD) kellhom valur ta' €87,737.17 (ara fol. 161), li jgibu total ta' €130,472.23. Din il-Qorti taqbel ma' dak li nghad mill-ewwel Qorti in kwantu dawn l-ammonti ta' €42,735 u €87,737.17 jirrizultaw minn kontijiet approvati minn rapprezentanti tas-socjeta` appellanti (ara Dok. MMCL01 u Dok. MMCL02 a fol. 108 u 109) minghajr kwalifiki jew riserva ghandhom jigu accettati. Kwindi din il-Qorti wkoll ser tadotta bhala l-valur totali ta' xoghlijiet ta' €130,472.23.

14. Fir-rigward tal-ilment tas-socjeta` appellanti li kien hemm fattura li harget darbtejn kif rizultanti a fol. 34, fejn il-fatturi 2165 u 2176 li kienu

jirrapprezentaw valuri identici fir-rigward ta' tliet partiti (ta' Lm1,599.93, Lm51.51 u Lm29.62 rispettivament) li jaghmlu total ta' Lm1,681.06 kull wahda, tidher li giet indirizzata mis-socjeta` appellata peress li mid-dokument mahrug minnha Dok. MMCL 1 a fol. 108, huma l-valuri ekwivalenti ta' €3,726.97, €120 u €69 (total ta' €3,915.97) relativi ghall-fattura 2165 li tnizzlu fil-*Final Valuation Certificate* (ara f'dan is-sens ukoll fol. 161). Kwindi jirrizulta li dan l-ilment tas-socjeta` appellanti dwar fattura doppja, kien debitament indirizzat mis-socjeta` appellata (li fil-fehma ta' din il-Qorti wassal ghat-tnaqqis fl-ammont mitlub originarjment fir-rikors promotur).

15. In kwantu ghall-pagamenti akkont li saru mis-socjeta` appellanti favur is-socjeta` appellata, skont l-istess *Final Valuation Certificate,* dawn jammontaw ghal €92,806.87 (ftit aktar mill-€92,803.42 indikat mis-socjeta` appellanti) u fir-rigward l-ammonti pacuti, dawn skont il-*Final Valuation Certificate,* kienu ta' €25,847.80 (imnaqqas mis-socjeta` appellata) u ta' €1,300 (wara li s-socjeta` appellata adottat is-suggeriment tal-perit Alan Saliba) sabiex jitnaqqas ammont ulterjuri ta' €27,147.80 (li wkoll jeccedi bi ftit l-ammont ta' €27,145.51 imsemmi mill-appellanti fir-rikors tal-appell). Kwindi ma jidhirx li hemm divergenzi dwar it-tnaqqis li jimmeritaw approfondiment.

16. L-akbar kontestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta appellanti fir-rigward tal-bilanc ta' €10,517.56 pretiz mis-socjeta` appellata, hija

dwar l-ammont ta' €7,356.42 (ekwivalenti ghal Lm3,158.11), kif rizultanti mill-fattura Dok. RB11 a fol.95. Is-socjeta` appellanti tishaq li dan l-ammont jirrapprezenta xoghol li qatt ma gie ordnat minnha u li l-firma fuq l-imsemmi dokument mhix ta' Itiana Abela gia` Schembri, ir-rapprezentanti awtorizzata mis-socjeta` appellanti li tiffirma tali dokument. Tabilhaqq mill-perizja tal-espert tal-kalligrafija, Dr. Anthony Abela Medici rrizulta li, din mhix il-firma ta' Itiana Abela *neé* Schembri, izda kien attentat ta' kkupjar tal-istess firma, minkejja li ma giex ipprezentat id-dokument originali da parti tas-socjeta` appellata. L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ddecidiet li peress li l-kontenut ta' Dok. RB 11 a fol. 95 jinsab rifless fid-Dokument MMCL 1 a fol. 108, li jinsab iffirmat minn Johann Farrugia, in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, allura l-ammont jibqa' meqjus bhala dovut. Kwindi l-appellanti tikkontendi li jehtieg li wiehed ihares bir-reqqa lejn il-provi l-ohra in atti sabiex jigi determinat jekk dan l-ammont kienx tassew dovut. L-appellanti tirrileva li filwaqt li Dok. RB 11 huwa datat 11 ta' Dicembru, 2007, Dok. MMCL 1 huwa datat 28 ta' Marzu, 2012, kwindi gie redatt fil-mori tal-kawza sabiex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas rilevat mix-xhud tas-socjeta` appellanti, jigifieri l-falsita` tal-firma fuq Dok. RB 11, bil-pretiza li jigu verifikati l-*items* fuq il-post meta l-partijiet ippruvaw jittransigu l-kawza.

17. Ghandu jinghad li, ghalkemm huwa minnu li mix-xhieda ta' Johann Farrugia jirrizulta li dan id-dokument MMCL1, jigifieri l-*Final Valuation Certificate* sar ferm wara li tlestew ix-xoghlijiet u sar fil-mori tal-proceduri,

ghalkemm Farrugia jishaq li dan sar bl-iskop li jigi vverifikat li l-*items* qeghdin hemm, li ma kellhomx karti u li fl-ahhar mill-ahhar kellha ssir rikonciljazzjoni ma' dak rizultanti miftiehem ma' Itiana bhala *purchase orders* mahruga mis-socjeta` konvenuta, jekk jirrizultawx li kienu approvati mill-istess socjeta` konvenuta appellanti, jibqa' l-fatt li kif inghad qabel ma saret l-ebda rizerva jew kundizzjoni bil-miktub da parti tal-istess Farrugia meta ffirma Dok. MMCL1. Ghalkemm fir-rikors tal-appell issir referenza ghax-xhieda ta' Farrugia li l-firma tieghu fuq Dok MMCL 1 saret bir-rizerva dwar l-ammonti hemm indikati peress li huwa kien qieghed jikkonferma biss ix-xoghlijiet, tali rizerva ma tirrizultax mill-imsemmi dokument, lanqas hemm xi xhieda li tikkorabora din ir-rizerva li jinghad li saret minn Farrugia.

18. Dan kollu jrid jigi ezaminat ukoll fl-isfond tal-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza (ara Dok. EL 1 esebit a fol. 136 tal-process) fejn ghalkemm l-appalt inghata skont lista ta' rati kif rizultanti mill-Appendici Numru 2 tal-kuntratt li kien jinkludi stima ta' rati, il-klawsola numru 13 tal-kuntratt citat mill-ewwel Qorti kien jipprovdi wkoll ghal varjazzjonijiet. L-awtur **Marco Vitalevi** (Appalto di opere e lavori sia privati che pubblici, para. 288), citat b'approvazzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc, fid-9 ta' Marzu 1939, fil-kawza fl-ismijiet **Roberto Micallef noe v. Joseph Mamo pro et noe**, (Kollez. Vol. XXX.III.433) jispjega:

> *"Il prezzo delle opere e` il corrispettivo della loro esecuzione. Quindi, per regola generale, a ciascuna quantita` di opere corrisponde la sua*

> *quantita` di prezzo e la ragione di esigerla. Questo e` il pricipio generale della materia. Ma la regola stessa subisce delle modificazioni, secondo le diverse modalita` sotto cui venne convenuto l'appalto. Se l'opera fu locata in ragion di un tanto ogni misura od unita` di peso, allora ad ognuna di queste unita` di lavoro compiuto sara` esigibile il relativo unitario prezzo, ancorche` l`intera opera non trovisi compiuta nel suo complesso organico. E infatti la legge stessa all'art 1638 (illum Art 1657 tal-Kodici Civili Taljan, korrispondenti ghall-Artikolu 1637 tal-Kodici Civili taghna) spiega come nel lavoro diviso a pezzi o a misura il pagamento della mercede debbasi fare in proporzione del lavoro fatto e misurato".*

19. Hekk ukoll kif inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Brownrigg noe v. Mario Spiteri**:

> "*Rigward il-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur jidher li fid-dottrina saret distinzjoni skond il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol. Jekk il-prezz gie iffissat ghal kull unita`, l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul; jekk il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas - "Carmelo sive Charles Mallia -vs- Ivan John Fonk", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975;"*

Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, il-kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti fil-kawza huwa wiehed ibbazat fuq rati, kwindi wara li jitlestew ix-xoghlijiet, l-appellata kellha dritt li tithallas a bazi tax-xoghol imkejjel u ccertifikat bhala mwettaq a sodisfazzjon tal-klijent. Wara kollox, ghakemm huwa minnu li ma tirrizultax approvazzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet bil-miktub, effettivament il-kuntratt jikkontempla wkoll li fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komparenti, il-valur ta' varjazzjoni kellu jigi determinat b'mod *fair and reasonable,* kwindi r-relevanza tal-klawzola 13 citata mill-ewwel Qorti.

20. Huwa f'dan l-isfond li wiehed irid iqis ix-xhieda ta' Brian Galea, manager ma' GSD li fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2014, spjega li l-kuntratt ta' GSD kien mas-socjeta` konvenuta appellanti li tat b'subappalt ix-xoghol tal-hgieg lis-socjeta` appellata. Ix-xoghlijiet kienu parti minn tender tas-socjeta` appellanti u l-GSD lilha kienu jafu u jhallsu. Iffirmaw il-karta MMCL1 bhala konferma li x-xoghlijiet saru u li GSD kienet kuntenta bix-xoghlijiet li twettqu da parti tas-socjeta` appellata. Minbarra x-xoghlijiet tat-tender, kien hemm xi affarijiet zghar *extra* li GSD qabbdet lis-socjeta` appellata li tezegwixxi. Madankollu hija mill-aktar relevanti x-xhieda li nghatat mill-istess xhud fit-2 ta' Marzu, 2015, fejn jirrizulta li qatt ma saru pagamenti mill-GSD lis-socjeta` appellata, u kontijiet pendenti ghall-hlas ma kellhiex, izda mill-*Progress Meetings* li kienu jsiru ta' kull gimgha rigward il-progett, GSD kienet qieghda tfittex lill-kuntrattur (is-socjeta` appellanti) sabiex isiru dawn ix-xoghlijiet. Minkejja li huma bhala GSD setghu tkellmu wkoll mal-appellata, huma fl-ahhar mill-ahhar kienu jzommu lill-appellanti responsabbli. Kwindi konsidrat li s-socjeta` appellanti kienet ben konsapevoli tat-talba tal-klijent taghha li jsiru tali xoghlijiet u li dawn jitwettqu mis-socjeta` appellata, konsidrat ukoll il-fatt li gie ccertifikat li dawn ix-xoghlijiet twettqu ghas-sodisfazzjoni tal-klijent, huwa ritenut ragonevoli li s-socjeta` appellata tithallas ghax-xoghol imwettaq minnha. Wara kollox ma tressqet l-ebda prova li tmeri dak li jinghad minn dan ix-xhud.

21. Ghalhekk ghalkemm ma tressqet l-ebda prova li s-socjeta` appellanti tat ordni lis-socjeta` appellata bil-miktub li jsiru dawk ix-xoghlijiet addizzjonali u minkejja li d-dokument Dok. RB 11 gie ccertifikat li ghandu firma falza, u kwindi ma tirrizultax approvazzjoni tal-varjazzjoni bil-miktub, din il-Qorti taqbel ma' ta' qabilha, fis-sens li jezistu provi ohra li x-xoghlijiet addizzjonali twettqu bl-akkwixxenza tas-socjeta` appellanti u ma jkunx gust li l-appellata ma tithallasx ghax-xoghol imwettaq minnha. Kwindi ghalkemm l-appellanti tista' tikkontesta d-dokument RB11 bhala wiehed fabbrikat, mhux l-istess jista' jinghad fil-konfront tad-Dok MMCL1. L-appellanti tikkontendi wkoll li minn imkien ma jirrizulta li hija thallset ta' dawn il-varjazzjonijiet mill-GSD u ghalhekk m'ghandhiex taghmel tajjeb ghalihom l-istess appellanti, izda kien jispetta lis-socjeta` appellanti tressaq il-provi f'dan ir-rigward, anzi ma ghamlet ebda kontro-ezami lil Galea f'dan is-sens u ghalhekk ma tistax issa tippretendi li jigi nvestit dan il-punt f'dan l-aspett.

22. Fi kwalunkwe kaz, m'hijiex cara ghal din il-Qorti r-raguni ghala l-bilanc li jinghad mill-appellanti li huwa dovut lis-socjeta` appellata ta' €2,531.06 (li waqt it-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti nghad li huwa ta' €3,092) qatt ma thallas minnha u dan il-fatt ukoll ghandu jinghata qies fir-rigward tat-tieni aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti.

23. Fit-tieni aggravju taghha s-socjeta` konvenuta appellanti tilmenta li peress li hija kien ghad fadlilha bilanc zghir xi thallas lill-appellata, ma

kienx hemm raguni valida ghala hija kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza. Il-principju regolatorju dwar il-hlas tal-ispejjez huwa li dawn ghandhom ikunu akkollati lill-parti telliefa skont l-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) li jipprovdi li "*kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez*". Is-sub-inciz (3) tal-istess Artikolu 223, jipprovdi li l-Qorti tista' tikkundanna lil kull parti thallas l-ispejjez taghha:

> *"meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra nghatat fuq punt legali izda biss jekk jindahlu xi punti specjali ta' ligi".*

Huwa minnu li, "l-*ispejjez ma ghandhomx jigu ripartiti semplicement a bazi ta' proporzjon matematiku ghat-talbiet milqugha jew michuda jew in proporzjon ghal xi riduzzjoni tas-somma reklamata*". (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Artijiet v. Emanuel Aquilina**, deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001). Izda daqstant iehor il-gudizzju moghti mill-Qorti dwar il-kap tal-ispejjez ghandu jkun rizultat ta' konsiderazzjoni matura dettata mill-kuxjenza (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Chetcuti v. Citadel Insurance** tal-15 ta' Frar, 2006).

24. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, b'applikazzjoni tal-istess principji ghall-kaz in ezami, galadarba qieghed jigi kkonfermat li s-socjeta` appellanti ghandha thallas l-ammont hekk kif determinat mill-ewwel Qorti u konsidrat li l-ewwel Qorti qasmet l-ispejjez bejn wiehed u iehor skont l-

ammont li gie akkordat lis-socjeta` appellata, din il-Qorti ma tarax li tirrizulta raguni valida ghala hija ghandha tvarja l-kap tal-ispejjez. Aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li minkejja li s-socjeta` appellanti kienet qieghda tikkonsidra l-ammont ta' bejn €2,531.06 u €3,092 bhala dovut, hija baqghet inadempjenti fil-hlas. Ghalhekk dan l-aggravju ser jigi michud ukoll.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Lulju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta C. & F. Building Contractors Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm